MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 904/1988/2

**Emmanuel Zahra bhala Chairman ghan-nom u in rappresentanza ta' Bonnici & Zahra Limited**

**vs**

**Chief Government Medical Officer ghan-nom u in rappresentanza tad-Dipartiment tas-Sahha, id-Direttur tal-Kummerc ghan-nom u in rappresentanza tad-Dipartiment tal-Kummerc u l-Kontrollur tad-Dwana.**

**Il-Qorti;**

1. Rat il-petizzjoni prezentata mid-Direttur tal-Kummerc fit-**8 ta' Frar, 1994** li permezz taghha l-istess Direttur tal-Kummerc talab li jigi ritrattatt l-appell fl-ismijiet premessi deciz minn din il-Qorti (diversament komposta) fit-23 ta' Settembru, 1993, u dan a bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 811(b)[1] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Permezz ta' risposta datata 22 ta' Ottubru, 1996 ir-ritrattat Emmanuel Zahra nomine oppona din it-talba u dan ghal diversi ragunijiet li ser jigu analizzati aktar 'l quddiem f'din is-sentenza. Din il-Qorti hi tal-fehma li qabel xejn ghandu jigi stabbilit x'kienu l-fatti u l-*iter* procedurali f'din il-kawza.

2. Permezz ta' citazzjoni datata 6 ta' Ottubru, 1988 l-attur Zahra nomine harrek lic-Chief Government Medical Officer, lid-Direttur tal-Kummerc u lill-Kontrollur tad-Dwana. Huwa allega li kien importa f'Malta b'mod regolari mitejn xkora *asbestos fibre*, izda meta gie biex jizdogana din il-merkanzija id-Dipartiment tas-Sahha oggezzjona li dan isir; huwa allega li b'dan il-fatt huwa kien qed isofri danni, u ghalhekk talab li l-Qorti tiddikjara lill-"konvenuti jew min minnhom" responsabbli ghall-agir illegali taghhom konsistenti fir-rifjut li jippermettulu r-rilaxx tal-merkanzija, li tiddikjarahom responsabbli ghad-danni kollha sofferti minnu, u li tillikwida l-istess danni.

3. Quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili id-Direttur tal-Kummerc u l-Kontrollur tad-Dwana, ghalkemm debitament notifikati bic-citazzjoni, baqghu kontumaci. Kien biss ic-Chief Government Medical Officer li pprezenta nota ta' eccezzjonijiet.

4. B'sentenza moghtija fis-26 ta' Gunju, 1990 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet tal-attur nomine, bl-ispejjez kontra tieghu.

---

[1] Art. 811(b): Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-raginijiet li gejjin:…(b) jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza…"

5. L-attur nomine appella. Il-petizzjoni ta' l-appell tieghu, izda, huwa nnotifikaha biss lic-Chief Government Medical Officer (li debitament ippresenta risposta u appell incidentali), b'mod li anke t-tahrika ossia citazzjoni tas-smigh tal-kawza fl-appell saret biss fil-konfront tal-imsemmi Chief Government Medical Officer (ara fol. 128, tergo tal-atti). Evidentement bi zvista kemm ta' din il-Qorti (diversament komposta) kif ukoll tal-avukat tal-Gvern li deher u ttratta l-appell u l-appell incidentali a nom tac-Chief Government Medical Officer, il-kawza fl-appell baqghet ghaddejja daqs li kieku l-konvenuti kollha kienu gew notifikati; u s-sentenza ta' l-appell inghatat fit-23 ta' Settembru, 1993. Permezz ta' din is-sentenza din il-Qorti, apparti li cahdet l-appell incidentali tac-Chief Government Medical Officer, kif ukoll ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel qorti fuq punt procedurali ta' gurisdizzjoni, irrevokat dik il-parti tas-sentenza tal-Prim Awla li permezz taghha kienu gew michuda t-talbiet attrici, u minflok ipprovdiet hekk: ***"…tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici u b'hekk: (1) tiddikjara llegali u bla bazi fil-ligi ir-rifjut tal-konvenuti nomine li jippermettu r-riklam tal-merkanzija msemmija fic-citazzjoni, u (2) tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur u dawk li ghad jista' jsofri minhabba l-agir illegali taghhom fuq imsemmi u tordna li l-process jintbaghat lura quddiem l-ewwel Onor. Qorti Civili Prim Awla biex din tillikwida d-danni tal-attur nomine. Il-Qorti jidhrilha li fic-cirkostanzi, l-ispejjez kollha tal-Prim istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti kollha pero` dawk ta' l-appell (principali u incidentali) ghandhom jigu spportati kollha mill-konvenut ic-Chief Government Medical Officer"*** (sottolinear ta' din il-Qorti). Minn dan jidher car, li ghalkemm id-Direttur tal-Kummerc u l-Kontrollur tad-Dwana qatt ma ppartecipaw (ghax anqas kienu gew notifikati bl-appell) fil-process fl-appell, huma xorta wahda gew ikkundannati bis-sentenza tat-23 ta' Settembru, 1993.

6. Kien biss meta l-atti marru lura quddiem il-Prim Awla u din innotifikat lill-partijiet kollha bid-data tal-kontinwazzjoni tas-smigh tal-kawza (ghall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni) li d-Direttur tal-Kummerc u l-Kontrollur tad-Dwana saru

jafu li l-kawza kienet inqalbet fl-appell u li huma kienu gew misjuba responsabbli u kkundannati jhallsu d-danni kif inghad. Fil-fatt jirrizulta li d-Direttur tal-Kummerc gie notifikat bid-data tal-kontinwazzjoni tas-smigh quddiem il-Prim Awla fl-**14 ta' Dicembru, 1993**, u ghalhekk jista' jinghad li kien biss f'din id-data li huwa sar jaf bis-sentenza ta' l-appell.

7. Ma hemmx dubbju li r-ritrattand Direttur tal-Kummerc (kif ukoll il-Kontrollur tad-Dwana) ma kienx gie notifikat bl-appell ta' Zahra nomine, u anqas bic-citazzjoni tas-smigh ta' l-appell, b'mod li s-sentenza tat-23 ta' Settembru, 1993 inghatat kompletament ad insaputa tieghu. Dan id-difett jinkwadra perfettament f'dak li jipprovdi il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

8. Fir-risposta tieghu ghall-petizzjoni[2] ta' ritrattazzjoni ir-ritrattat Emmanule Zahra nomine ssolleva diversi eccezzjonijiet.

9. L-ewwel eccezzjoni hi fis-sens li l-procedura ghar-ritrattazzjoni kienet dezerta "billi l-atti damu izjed minn sena biex jinghalqu". Din l-eccezzjoni hija infondata. Huwa veru li Zahra gie notifikat bil-petizzjoni ghar-ritrattazzjoni biss fit-**18 ta' Ottubru, 1996**; pero` jirrizulta wkoll mill-verbal ta' l-udjenza tal-**14 ta' Ottubru, 1996** quddiem din il-Qorti (ara fol. 174), li din il-Qorti applikat f'dan il-kaz id-disposizzjoni tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 963 tal-Kap. 12, b'mod li ffissat zmien perentorju ta' xahar ghall-gheluq tal-proceduri. Zahra gie effettivament notifikat entro dak ix-xahar.

10. It-tieni eccezzjoni hi fis-sens li t-talba ghar-ritrattazzjoni ma saritx entro t-terminu ta' tlett xhur stabbilit bil-ligi. Minn dak li diga nghad fil-paragrafu 6 ta' din is-sentenza u b'applikazzjoni tal-Artikolu 818(1)(b) tal-Kap. 12, hu evidenti li din l-eccezzjoni hija wkoll infondata.

[2] F'dan il-kaz, peress li t-talba ghar-ritrattazzjoni saret qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV ta' l-1995, l-Artikolu 815 tal-Kap. 12 kien jipprovdi li t-talba ghal ritrattazzjoni ssir b'libell f'qorti ta' l-ewwel grad u b'petizzjoni quddiem il-qorti fi grad ta' appell.

11. Il-hames eccezzjoni tar-ritrattat hi fis-sens li c-Chief Government Medical Officer, id-Direttur tal-Kummerc u l-Kontrollur tad-Dwana lkoll jirrapresentaw lill-Gvern, b'mod li, galadarba quddiem il-Qorti ta' l-Appell meta kien qed jigi trattat l-appell tieghu (cioe` ta' Zahra nomine) ma tqajmet mic-Chief Government Medical Officer jew mill-legali tieghu ebda kwistjoni dwar in-nuqqas tal-presenza taz-zewg konvenuti l-ohra, allura ma kien hemm ebda vjolazzjoni la fil-forma u anqas fl-ispirtu tal-ligi. Din il-Qorti ma taqbilx. Kull Dipartiment tal-Gvern ghandu l-mansjoni u l-kompetenza specifika tieghu; jista' jkollu djun jew krediti (ara, per ez., l-Artikolu 466 tal-Kap. 12) li ma jkunux dawk ta', jew li jispettaw lil, Dipartiment iehor; u ghalhekk f'kawza bhal dik intavolata mill-attur ritrattat jista' jkollu wkoll interessi differenti minn dawk ta' Dipartiment iehor. L-attur stess ghazel li jidentifika tlett Dipartimenti partikolari bhala li kienu responsabbli ghad-danni minnu sofferti u mhux harrek, per ezempju, lis-Segretarju Amministrattiv in rappresentanza tal-Gvern (kif kien isir qabel l-introduzzjoni tal-Artikolu 181B bl-Artikolu 90 tal-Att XXIV ta' l-1995). Ghalhekk din l-eccezzjoni hija wkoll infondata.

12. Jibqghu x'jigu kkunsidrati t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tar-ritrattat Zahra. Ir-ritrattat jghid hekk: ***"Illi fit-tielet lok u fi kwalsiasi kaz is-sentenza ghaddiet in gudikat fil-konfront tac-Chief Government Medical Officer ghan-nom tad-Dipartiment tas-Sahha u tal-Kontrollur tad-Dwana li mis-sentenza ma interponew ebda talba ta' ritrattazzjoni; Illi fir-raba' lok huwa stramb kif tista' se mai qatt tigi ordnata r-ritrattazzjoni ta' appell incidentali li ma giex interpost mir-ritrattant u li fir-rigward ta' min interponieh gie definittivament deciz."*** Fir-rigward ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet, jew ahjar punti legali, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa z-zewg noti ta' osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet (fol. 188 u 196). Hu evidenti li r-ritrattand Direttur tal-Kummerc qed jippretendi li s-sentenza kollha kemm hi tat-23 ta' Settembru, 1993 ghandha tigi mhassra, u l-kawza tigi ritrattatat anke fil-konfront tal-konvenuti l-ohra (li wiehed minnhom – il-Kontrollur tad-Dwana – anqas biss indenja ruhhu jittanta ritrattazzjoni).

13. Huwa appena necessarju jinghad li l-istitut tar-ritrattazzjoni huwa rimedju eccezzjonali moghti mill-ligi, u bhala tali id-disposizzjonijiet li jirregolaw dana l-istitut ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva; u anqas ma ghandhom jigu maghmula applikabbli ghal tali istitut disposizzjonijiet ohra tal-ligi – jigifieri disposizzjonijiet li ma jinstabux fit-Titolu IV tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – sakemm tali disposizzjonijiet ma jkunux jew espressament maghmulin applikabbli jew ikunu necessarjament hekk applikabbli.

14. A differenza ta' dak li jinghad fl-Artikolu 238 tal-Kap. 12 fir-rigward ta' sentenza ordinarja ta' l-appell li tibdel jew thassar sentenza ta' l-ewwel grad, fit-Titolu IV imsemmi ma hemm ebda disposizzjoni simili ghal dak l-artikolu. L-unika disposizzjoni f'dan it-Titolu li tispecifika minn jista' jibbenifika minn ritrattazzjoni mitluba minn parti wahda fost diversi li talvolta kienu involuti f'dik il-kawza hija dik tal-Artikoku 822 li, fis-subartikolu (1) tieghu, tipprovdi li *"Bit-talba ghar-ritrattazzjoni jista' jinqeda kull wiehed mill-konvenuti illi, sew fit-twegiba ghall-libell jew ghall-petizzjoni, inkella b'nota pprezentata qabel il-ftugh tas-smigh ta' dik it-talba, ikun ammetta t-talba".* U s-subartikolu (2) ikompli hekk: *"F'dak il-kaz il-konvenut jista' jissokta l-proceduri, ghalkemm min ikun ghamel dik it-talba jirrinunzja ghaliha".* Apparti li hu evidenti li l-legislatur hawnhekk nesa li talba ghal ritrattazzjoni m'ghadhiex issir b'libell jew b'petizzjoni, b'din id-disposizzjoni huwa qed jikkontempla s-sitwazzjoni fejn ir-ritrattat, fir-risposta ghac-citazzjoni jew ghar-rikors, jammetti t-talba ghar-ritrattazzjoni; f'kaz bhal dan, jekk ir-ritrattand icedi t-talba ghar-ritrattazzjoni, ir-ritrattatt jkun jista' jkompli b'dik it-talba. Din hi l-unika disposizzjoni li tidentifika min jista' jibbenefika minn talba ghal ritrattazzjoni; u, ghar-raguni aktar 'l fuq moghtija, ma hux legittimu ghal din il-Qorti li tipprova testendi tali beneficcju hi. Anqas ma hi ta' ghajnuna ghar-ritrattand Direttur tal-Kummerc is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament komposta) tat-12 ta' Awissu, 1994 fl-ismijiet ***AIC Frank Grixti Soler et v. Segretarju tad-Djar et*** li ghaliha ghamel referenza fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Dik il-kawza iddecidiet li appell

kien wiehed u indivizibbli biss ghall-finijiet tal-gheluq tal-proceduri u tad-dezerzjoni skond l-Artikoli 963 u 146 tal-Kap. 12.

15. Ghall-motivi premessi u partikolarment ghal dak li jinghad fil-paragrafu (7), supra, din il-Qorti thassar is-sentenza tat-23 ta' Ottubru, 1993 fl-ismijiet premessi biss u limitatament in kwantu dik is-sentenza tolqot, kemm fil-meritu kif ukoll fil-kap ta' l-ispejjez, lid-Direttur tal-Kummerc izda thalliha impregudikata (u ghalhekk ezegwibbli, salv il-kwantifikazzjoni tad-danni li ghad trid issir mill-Prim Awla) fir-rigward tal-konvenuti Chief Government Medical Officer ghan-nom u in rappresentanza tad-Dipartiment tas-Sahha u tal-Kontrollur tad-Dwana; u tordna li l-appell jigi ritrattat biss u limitatament in kwantu jikkoncerna lill-imsemmi Direttur tal-Kummerc, u dana f'data li ser tinghata fil-verbal ta' l-udjenza tal-lum.

16. L-ispejjez ta' din is-sentenza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn l-attur ritrattat u r-ritrattand Direttur tal-Kummerc.

--------------------------------TMIEM--------------------------------